**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 136/16 AL

**A B**

vs

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-20 ta' Lulju 2015 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u minn dan iz-zwieg ma' kellhomx tfal (hawn anness certifikat taz-zwieg **DOK A**);

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi datat it-28 ta' Jannar 2016;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg inkiseb minhabba pressjoni u biza' reverenzjali.

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

6. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-Artikolu 19 (1) (a), (d) u/jew(f) u/jew (g) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi l-partijiet ghamlu zmien qasir johorgu flimkien u wara ftit missier l-intimata kecca lill-bintu minn daru, li dak iz-zmien kull ma kellha tmintax-il sena, u l-ġenituri tal-esponent laqghuha f'darhom. Minhabba ragunijiet ta' religjon u kif ukoll minhabba pressjoni li saritilhom mill-genituri rispettivi l-kontendenti kienu kostretti jizzewwgu.

8. Illi meta zzewgu, il-kontendenti wrew ruhhom ghal kollox inkapaci illi jerfghu u jwettqu l-pizijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga. In oltre, huma ma' kienux kapaci illi jifformaw u jsostnu rapport shih kemm emottivament u kif ukoll fizikament tant hu hekk illi wara ftit granet l-intimata telqet u regghet marret tghix fir-residenza tal-genituri taghha.

9. Illi sitt xhur biss wara d-data taz-zwieg, il-kontendenti kienu legalment separati.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fl-20 ta' Lulju 2015 fir-Registru Pubbliku ta'

Malta huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha teccepixxi : (fol. 20)

1. Illi filwaqt li l-esponenti taqbel mat-talbiet attrici u cioe li z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi ddikjarat null u bla effett legali hija tikkontendi li m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-kawza odjerna;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavits tal-partijiet u tax-xhieda minnhom prodotti;

Rat illi l-kawża hija differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attur u l-konvenuta, li ġie kkontrattat fl-20 ta' Lulju 2015[1], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a) u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

[1] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv huwa esebit fol. 5 tal-proċess

[2] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta

PROVI

L-attur xehed bil-proċedura tal-affidavit[3] fejn huwa spjega kif ommu kienet għamlet kuntatt ma ċerta Rita Gatt, omm il-konvenuta, sabiex isir arranġament t'għerusija bejn il-partijiet. Dan kien f'April 2015. Il-partijiet qatt ma kienu ltaqgħu. L-ommijiet ftehmu illi jlaqqgħuhom f'Mejju u għalhekk l-attur flimkien mal-ġenituri tiegħu marru fid-dar tal-konvenuta. Hemmhekk l-irġiel qagħdu fis-salott u n-nisa fil-kċina fejn C kellha, skond it-tradizzjoni reliġjuża tagħhom, toħroġ ħdejn l-irġiel sabiex il-partijiet jaraw lil xulxin u jaraw jekk jogħġbux lil xulxin. C, li dakinhar kellha biss tmintax-il sena, rrifjutat li toħroġ fis-salott u għalhekk l-attur baqa' ma rahiex. Għalhekk ftehmu illi jerġgħu jiltaqgħu l-għada fir-residenza tal-konvenuta. L-għada, l-partijiet għamlu xi siegħa jitkellmu fil-preżenza t'oħtu Latifa. Il-konvenuta talbitu sabiex jakkumpanjaha għall-kunċert tal-MTV iżda hu qalilha li dan ma kienx jgħodd għalihom u għalhekk hi ddiżappuntat ruħha.

Il-ġenituri tal-konvenuta ffissaw appuntament mal-Imam Mohammed El Sadi sabiex isir il-Ktieb taż-Żwieġ mill-Moskea peress illi fir-reliġjon tagħhom, meta jkunu ser jibdew għerusija, jeħtieġ illi jagħmlu dan il-proċess. *"Kien sar ftehim bejn ommi u omm C li jkollna għerusija ta' sitt xhur u mbagħad niżżewġu".*

Xi jiem wara, l-familja tal-attur stiednet lill-konvenuta u lill-familja tagħha għall-ikel u appena waslu C u missierha qabdu argument sħun tant li missierha refa' jdejh fuqha. C dak il-ħin kellha lil ħuha tarbija f'ħoġorha u minkejja dan, missierha ma ddejjaq xejn jagħtiha b'idejn u saqajh. L-attur u missieru intervjenew u rnexxielhom jaqilgħuh minn fuqha. Naturalment l-ikla kienet waħda ta' tensjoni u l-ulied ma tantx tkellmu. Missier C baqa' rrabjat magħha u baqa' jinsulentaha fuq il-mejda u jgħajjarha giddieba. Wara l-ikel huwa qal lil missier l-attur li lil C ma riedhiex iktar id-dar u kien ser jitfagħha l-barra. Għalhekk omm C talbet lil omm A sabiex iżżommha magħhom għal ftit

[3] Esebit fol. 12

jiem sakemm jikkalma missierha. Fil-fatt C baqgħet tgħix hemmhekk għal xi tliet ġimgħat. Missierha waqqafha mill-Kors li kienet tattendi l-Mcast, waqqafha milli tkun helper fl-iskola tal-Moskea u ħadilha l-mobile u l-laptop! Dan kollu għaliex kienet ħarġet ma' habiba li hu ma kienx japprova.

Il-ġenituri tal-attur bdew jippressaw lil A u lil C biex jiżżewġu għaliex ma setgħux jgħixu taħt l-istess saqaf jekk mhux bi żwieġ u għalhekk il-partijiet ma kellhomx għażla għajr li jiżżewġu. Ommu ċemplet ir-Reġistru Pubbliku u l-iktar data viċina li setgħu jagħtuhom kienet l-20 ta' Lulju 2015. Iżda billi l-ġenituri tal-partijiet raw li d-data kienet f'għajnejhom wisq il-bogħod, iffissaw id-data tat-12 ta' Ġunju 2015 għall-festin!

L-attur jixhed li C rrifjutat li tikkonsma ż-żwieġ wara l-festin. Huma marru Għawdex u kien biss fit-tieni jum li hija ħassitha komda miegħu u hemmhekk sab li hija ma kinitx verġni, xi ħaġa li fir-reliġjon tagħhom huwa dnub kbir. Huwa tkellem m'ommu dwar dan iżda ftehmu li jżommu kollox mistur biex ma jġibuhiex fl-inkwiet.

Il-partijiet kellhom diswid ukoll għaliex ma kinitx qed issajjar u lanqas tgħin lil ommu fil-faċendi sakemm ikun ix-xogħol. Kienet tippreferi tilgħab fuq il-mobile u tiċċettja ma' sħabha. Kellhom ukoll disgwid meta riedu joħorġu flimkien għaliex kienet tkun trid lill-ħabiba magħha u l-attur kien jirrifjuta. Kienet tgħidlu li mal-ħabiba tieħu aktar pjaċir għax turiha l-ħajja fil-waqt li hu kien ta' wara l-muntanji. Meta qalilha li allura ma kellhiex tiżżewġu, hija qaltlu li ma kellhiex triq oħra peress li missierha kien keċċieha mid-dar u l-ġenituri tiegħu għamlu daqshekk pressjoni fuqhom biex jiżżewġu.

Minħabba li l-partijiet baqgħu ma qablux fuq ir-residenza li kellhom jistabilixxu u fuq il-faċendi u min kellu jagħmilhom, l-attur kien qalilha li hija kellha tirritorna lejn id-dar tal-ġenituri tagħha. C weġbitu li issa setgħet tgħix il-ħajja kif riedet hi u setgħet tgawdi l-ħruġ u d-divertiment mal-ħabiba tagħha. Iżid li meta kien ikollhom intimita` bejniethom, kienet tgħidlu li "mal-ħabiba tagħha kienet tħossha aħjar".

Xehdet ukoll **Michelle B**, omm l-attur[4], illi dina kkoraborrat ix-xiehda ta' binha u kkonfermat illi l-ewwel darba li ltaqgħu il-partijiet *"jiena u omma C, Rita Gatt ftehmna illi jagħmlu sitt xhur għerusija u mbagħad jiżżewġu."* Iżżid illi fit-12 ta' Ġunju 2015 sar festin ta' malajr peress illi ma setgħux jistennew id-data taż-żwieġ li kienet ġiet iffissata għall-20 ta' Lulju 2015 ġewwa r-Reġistru Pubbliku. Dan il-festin sar sabiex għal għajn in-nies A u C jidhru li miżżewġin u mhux li jgħixu flimkien mingħajr żwieġ. Pero` fir-realta` ż-żwieġ seħħ fl-20 ta' Lulju 2015. *"Iż-żwieġ kull ma dan għaxart'ijiem. Fil-31 ta' Lulju 2015 A kien ġie wara x-xogħol, induna li C ma kienet għamlet xejn fil-kamra tagħhom u lanqas ma kienet sajret iżda qattgħet il-ġurnata fis-sodda. A staqsieha sabiex sakemm joħroġ qadja hija tlestilu l-ikel pero` meta mar lura xorta ma sabx l-ikel lest iżda sabha fuq is-sodda bil-mobile. Dakinhar A ħadha fid-dar tal-ġenituri tagħha u minn dakinhar hija ma ġietx lura d-dar tagħna u sitt xhur wara sseparaw legalment."*

Il-**konvenuta**[5] ma tagħtix verżjoni tal-fatti wisq differenti mill-attur dwar kif iltaqgħu u kif il-ġenituri tagħhom insistew li kellhom jiżżewġu.

Hija pero` tiċħad li kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi u tgħid li l-ewwel relazzjoni intima tagħha kienet ma' A iżda qabel iż-żwieġ. *"Fil-fatt A stess kien ra d-demm."*

Tixhed illi l-iktar li kienet targumenta mal-familja ta' A kien minħabba l-fatt li hi ma riditx li tiżżewweġ biċ-ċivil, iżda l-familja tiegħu bdew jisforzawha biex dan isir. *"dejjem għamiltha ċara li jien qatt ma ridt niżżewweġ biċ-ċivil, iżda huma baqgħu jippersistu u jgħiduli li ma kellix għażla oħra...Niftakar ukoll li jien lill-familja tiegħi kemm il-darba kont għidthilhom li ma ridtx niżżewweġ biċ-ċivil."*

Hija tiċħad li ma kinitx issajjar u tagħmel faċendi anzi tinsisti li x'ħin kien jiġi mix-xogħol A kienet tmur ħdejh. Tiċħad ukoll li hija kienet tinsisti li toħroġ lill-ħabiba magħhom.

[4] Affidavit fol. 16

[5] Permezz tal-affidavit tagħha fol. 25

Dwar missier l-attur, hija ssostni li dakinhar tal-festin kien qalilhom biex ma jisfrattawx iż-żwieġ għax ħażin ikun għalihom. Il-konvenuta ħassitha mbeżża' bi kliemu. Tirrakkonta okkażjoni oħra fejn huwa sawwat lil A għaliex kienu telgħu fil-kamra tagħhom meta kien hemm il-familja tal-konvenuta għandhom. Meta l-attur ħa lill-konvenuta lura għand il-familja tagħha, wara xi ġimgħatejn kien ċempel lil missierha biex jerġgħu jirranġaw. Missieru ma riedux li jerġa jirranġa magħha u għalhekk beda jmur jaraha bil-moħbi tiegħu. A kien telaq mid-dar tal-ġenituri għall-ġimgħa u mar joqgħod ġo *home* fejn C kienet tmur tarah. Kienu ddeċidew li jmorru ġo post tagħhom. A saħansitra qalilha biex imorru t-Turkija. Iżda meta A mar lura d-dar tal-ġenituri tiegħu, missieru kien qallu biex ma jibqax miżżewweġ magħha u fil-fatt mar għand l-Imam biex jagħmel it-Talaq, id-divorzju musulman biex ma jibqgħux miżżewġin.

**Rita Gatt**, omm il-konvenuta[6], tikkorrabora x-xiehda mogħtija minn bintha. Iżżid li huma kienu semgħu mingħand in-nies kemm kellu pussess missier A fuq il-familja tiegħu. Dakinhar tat-tieġ, C marret id-dar tal-ġenituri tagħha biex tilbes il-libsa tat-tieġ u kienet imbeżża' minn missieru u li bilfors riedet tagħmel dan il-pass. Tiftakar li C kienet qaltilha li qed tiddejjaq li qed iġiegħluha tiżżewweġ għax hi ma riditx imma sempliċiment riedet tibqa' fl-għerusija.

Meta lejn l-aħħar, ix-xhud ikkonfrontat lill-attur u staqsietu għalfejn kien qed jidhak bit-tifla tagħha, huwa weġibha li missieru kien heddu li ser joqtlu jekk jerġa' jirranġa magħha.

## PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(a), 19(1)(d), 19(1)(f) u 19(1)(g) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

---

[6] Afidavit fol. 28

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(a) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża';***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;***

***(g) jekk xi waħda mill-partijiet torbot il-kunsens tagħha ma' kondizzjoni li tirriferi għall-futur;***

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn is-sub-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(a)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(a), il-Qorti trid tistaqsi jekk kienx hemm pressjoni li tammonta għall-vjolenza biex jiġi ċelebrat dan iż-żwieġ u/jew kienx hemm biża' sa' dak il-grad li tesiġi l-liġi u skond dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. *"Huwa minnu li ġie rikonoxxut li l-biża', jekk verament tissussisti, tista' sservi bħala raġuni biex tinfiċja kunsens. Iżda mhux kull tip ta' biża' tista' twassal sa dan l-estrem."*[7]

Fis-sentenza Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs. Dottor Alfred Mifsud noe[8], intqal *"biex biża' taqa' taħt*

---

[7] Maria Victoria Spiteri vs. Anthony Spiteri magħruf Coleiro, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 1994.

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru 1982

*l-artikolu in kwistjoni, irid ikun ċert, ta' ċerta gravita serja u għandha tiġi distinta minn dak li hu mistħija u frivolezza u kapriċċ ta' min ser jagħti l-kunsens. Barra min hekk irid ikun realistiku"*

Fil-kawża fl-ismijiet Marianna Calleja vs. Francis Calleja[9]**,** il-Qorti qalet "*Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet oħra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta għal vjolenza morali jew biża' esterna ta' natura irreżistibbli, ċjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-għoti ta' dak il-kunsens*" u żżid tgħid li "*Sabiex vjolenza morali twassal għal effett li tinvalida ż-żwieġ trid tkun (i) inġusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biża' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jeserċitaha jrid ikun kapaċi, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jagħmel; u fit-tielet lok il-biża' trid tkun motiv prinċipali għaliex il-persuna tasal li tiżżewweġ, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid*"*.*

Inoltre, fil-kawża Denise Borg vs. Christopher Borg[10], intqal: *"Il-biża' trid tkun ċerta, gravi u realistika.... skond il-liġi ċivili tagħna biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li din taħkem fuq persuna raġjonevoli u ġġegħlha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodiċi Ċivili)... Fil-valutazzjoni, imbagħad, tal-kriterji tal-vjolenza għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));"*

Il-biża' reverenzjali lejn il-ġenituri ġie trattat fil-kawża Denise Borg vs. Christopher Borg[11], fejn intqal: *"Lanqas il-biża' reverenzjali versu l-ġenituri ma jservi biex jannulla l-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata. Hekk jipprovdi l-Artikolu 980 Kodiċi Ċivili. Il-biża' trid tkun ċerta, gravi u realistika.... skond il-liġi ċivili tagħna biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li din taħkem fuq persuna*

---

[9] Deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Ottubru 2002 (Ċitazzjoni 534/1995/1PS)

[11] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 t'Ottubru 2002 (Ċitazzjoni 534/1995/1PS)

*raġjonevoli u ġġegħlha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodiċi Ċivili)... Fil-valutazzjoni, imbagħad, tal-kriterji tal-vjolenza għandhom jiġu meħuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));"*

Fil-kawża Marica d'Amato vs. Philip d'Amato[12], il-Qorti trattat il-kwistjoni tal-biża' u l-vjolenza u kif dawn għandhom ikunu biex jista' jiġi vvizjat il-kunsens matrimonjali. Trattat ukoll il-biża' reverenzjali lejn il-ġenituri u stabbiliet is-segwenti: *"Din il-vjolenza trid tiġi valutata minn dak dispost fl-Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri jrid jintwera li l-attriċi, qabel iż-żwieġ, kienet assoġġjettata għall-pressjoni gravi u ndebita. Vjolenza għalhekk determinanti, inġusta u gravi. Fiż-żwieġ, imbagħad, a differenza minn kuntratti oħra, l-kwestjoni trid tiġi eżaminata in relazzjoni għal liberta` matrimonjali. Il-vjolenza għalhekk trid tiġi valutata mhux fuq is-sempliċi seduzzjoni ta' l-attriċi iżda fuq l-ipotesi li hi ġiet indotta għaż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' pressjoni qawwija u insuperabbli. Ad exemplum, perkossi minn żewġha waqt l-għerusija jew mill-ġenituri jew il-minaċċja li titkeċċa l-barra. Kwantu għall-element tal-"biża" din trid tiġi oġġettivament analizzata mill-ottika ta' fatturi esterni li jokkorru fuq il-persuna. Il-biża' trid tkun ta' gravita` essenzjali. Mhux biżżejjed għalhekk ansjeta` ġewwinija f'dak li jkun. Fil-fatt l-Artikolu 980 jippreċiża li l-biża' riverenzjali lejn il-ġenituri, axxendenti oħra jew lejn ir-raġel mhux biżżejjed biex jannullaw il-kuntratt, jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata."*

Dwar l-Artikolu 19(1)(d) b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003 (Ċitazzjoni 575/1999/1PS)

konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[13]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[14]

---

[13] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

[14] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[15]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [16]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive*

---

[15] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[16] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

*each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[17]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(f)** tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[18], *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[19]

---

[17] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996

[19] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[20] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż mill-vera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi l-veru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[21]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[22], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[23] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser l-esklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għall-komunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[24] elenkat l-elementi essenzjali taż-żwieġ bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta'

---

[20] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[21] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[22] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995 (Ċitazzjoni Numru 723/94VGD);

[23] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP)

[24] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994

tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[25] u Aquilina vs. Aquilina[26].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[27] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iż-żwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu....Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

Inoltre, taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[28]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(g)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu.

Illi dwar l-artikolu 19(1)(g) jingħad skond J. Edward Hudson *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is*

---

[25] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[26] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[27] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP)

[28] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP)

*suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"*.[29]

Illi skond George V. Lobo *"it may be noted that a marriage is truly conditional if (1) the condition proceeds from a positive act of will although this may be implicit; (2) must have been freely placed; (3) must have been present and not revoked at the time of marriage".*[30]

Illi skond kif ingħad fis-sentenza Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella[31] *"huwa mportanti li wieħed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss għall-każ ta' annullament taż-żwieġ jekk din il-kundizzjoni tirreferi għall-avveniment fil-futur"*

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-biża', tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju, tas-simulazzjoni tal-kunsens u tal-kondizzjoni li tirreferi għall-futur, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi l-każ odjern jitratta żwieġ irranġat mill-ommijiet tal-partijiet – "a fixed marriage" - prattika arkajka li evidentement għadha qed isseħħ fuq din il-gżira f'dan is-seklu. M'hemm l-ebda kontroversja fil-każ, illi kienu l-ommijiet li laqqgħu il-partijiet u wara li dawn damu xi siegħa jitkellmu u kienu għadhom kemm

---

[29] Handbook II for Marriage Nullity Cases - pg. 107 - kif rapportat f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[30] The New Marriage Law – 1997 - kif rapportat f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[31] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t' Ottubru 2002, (Ċitaz. 801/1996RCP)

raw lil xulxin għall-ewwel darba, l-ommijiet ftehmu li l-partijiet jdumu sitt xhur għarajjes u mbagħad jiżżewġu. Dan huwa ammess mill-ommijiet taż-żewġ partijiet. Fi żmien tliet xhur dawn laqqgħu lill-partijiet u żewġuhom.

M'hemm l-ebda dubju li l-partijiet iżżewġu sforz il-pressjoni li kienet qed issir mill-ġenituri taż-żewġ naħat – bil-konvenuta tagħmilha ċara liż-żewġ naħat u wriethom mingħajr tlaqliq li hi ma riditx tiżżewweġ biċ-ċivil, anke jekk jidher li aċċettat iż-żwieġ bir-rit Musulman. Minkejja dan, kollox baqa' għaddej daqslikieku ma tkellmitx, daqslikieku l-kelma tagħha ma tgħoddx minkejja li hija protagonista fiż-żwieġ in kwistjoni.

L-attur ukoll kien maħkum mill-biża reverenzjali li jrid jogħġob lil ommu u lil missieru, kif ukoll mis-sottomissjoni totali tiegħu għat-tradizzjoni reliġjuża tal-familja. Anke jekk hu verbalment ma lissinx l-oġġezzjoni tiegħu lejn iż-żwieġ, m'hemmx dubju li hu resaq għalih biex jimxi *by the book* u jagħmel dak li kien mistenni minnu mill-familja tiegħu, ladarba huwa u l-konvenuta kienu qed jgħixu taħt l-istess saqaf u kien diġa kellhom rapporti intimi bejniethom.

Bla dubju dan huwa *textbook case* ta' kunsens invalidu għax inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża'. Il-vjolenza morali li ntużat fuq il-partijiet kien kemm inġusta kif ukoll gravi u determinanti. Kieku wieħed kellu jneħħi l-pressjoni tal-ġenituri, dan iż-żwieġ ċertament ma kienx iseħħ. Attitudni ta' ġiri sfrenat biex ifittxu jżewġuhom – iġri agħmel appuntament mal-Imam, iġri ċempel ir-Reġistru Pubbliku – tant li l-festin seħħ qabel iż-żwieġ proprju għax il-ġenituri ma felħux jistennew sad-data mogħtija mir-Reġistru Pubbliku!!

M'hemmx dubju li l-biża fil-każ odjern kien realistiku u cioe li l-ġenituri kienu kapaċi jagħmlu l-ħajja ta' uliedhom miżerabbli jekk ma jobduhomx. Missier l-attur li jhedded lill-partijiet waqt il-festin biex ma jmorrux iħassru ż-żwieġ; li jsawwat lil ibnu ta' tlieta u għoxrin sena; li jheddu li joqtlu jekk jerġa jirranġa magħha! Missier il-konvenuta li jsawwat lil bintu bl-idejn u bis-sieq waqt li qed iġġorr fuqha ħuha tarbija; li jgħajjarha u jinsulentaha quddiem in-nies li bilkemm jafuhom; li jkeċċieha

mid-dar u jwaqqafha mill-kors tal-istudji, mix-xogħol fil-Moskea, għal raġunijiet frivoli bħal li toħroġ ma' ħabiba li hu ma japprovax – meta għandha l-eta` tagħha; li jkollu pussess fuq il-*laptop* tagħha u l-*mobile* u dawn teħodhom meta jgħid hu. Il-partijiet kienu ben konsapevoli tal-konsegwenzi koroh li kellhom jgħaddu minnhom jekk ma jgħaddux għaż-żwieġ bejniethom.

L-effetti ta' din il-pressjoni kollha kienet żwieġ mgħaġġel fejn il-partijiet ma kellhomx iż-żmien li jirriflettu dwar il-karattru u l-kwalitajiet tal-parti l-oħra. Lanqas kellhom il-fakulta intelletwali li jagħmlu dan, mhux għax neqsin mill-intellett, iżda għaliex din il-fakulta` kienet maħnuqa mill-biża kkawżata mill-familji tagħhom. Lanqas ma kellhom iċ-ċans li jibnu rapport emottiv bejniethom għaliex siegħa biss wara li raw lil xulxin l-ewwel darba, kien diġa ġie deċiż li sejrin jiżżewġu.

Illi għalhekk xejn ma huwa sorprendenti li l-partijiet fil-mument tal-għoti tal-kunsens kienu afflitti minn difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha. Illi mhuwiex sorprendenti li l-partijiet ma kinux kapaċi jerfgħu l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa.

Għaldaqstant il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova, sal-grad li tirrikjedi l-liġi, illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża' kif ukoll kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement għan-nullita taż-żwieġ bejniethom.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(g) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kondizzjoni li tirreferi għall-futur, din il-Qorti tirrileva li m'għandha ebda ħjiel dwar liema kondizzjoni tal-futur l-attur qiegħed jagħmel referenza għaliha. Illi għalhekk fil-każ odjern, din il-kawżali ma ġietx ippruvata u ma tistax titqies bħala raġuni valida għan-nullita taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafi [a] u [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fl-20 ta' Lulju 2015 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a) u 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.